# MALTA

## ATT Nru. XLII ta' l-1976

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.**

## ACT No. XLII of 1976

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Code of Police Laws, Cap. 13.**

Naghti l-kunsens tieghi.

President

31 ta' Diċembru, 1976

# ATT Nru. XLII ta' l-1976

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1976 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid 186A mal-liġi prinċipali.

2. Minnufih wara l-artikolu 186 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Projbizzjoni ta' tipjip tat-tabakk fit-teatri u fiċ-ċinematografi.

186A. (1) Ebda persuna ma tista' tpejjep xi tabakk f'xi teatru pubbliku jew f'xi sala taċ-ċinematografu pubblika waqt li dak il-post ikun miftuħ għall-pubbliku.

(2) Ikun id-dmir tad-detentur tal-liċenza ta' kull teatru pubbliku jew ta' kull ċinematografu pubbliku li jara li ebda persuna f'dak it-teatru jew f'dik is-sala ma tpejjep tabakk waqt li dawn ikunu miftuħin għall-pubbliku.".

Emenda ta' l-artikolu 314 tal-liġi prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (1Ċ) ta' l-artikolu 314 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1D) Kull persuna li tinsab ħatja ta' kontravenzjoni kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 186A ta' dawn il-Kodiċi teħel —

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn żewġ liri, u

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba u wara, multa ta' mhux inqas minn ħames liri.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 14 tad-29 ta' Diċembru, 1976.

M. Liviera
*Speaker*

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

A. Buttigieg

President

31 December, 1976

# ACT No. XLII of 1976

*AN ACT further to amend the Code of Police Laws, Cap. 13.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

Short title.

1. This Act may be cited as the Code of Police Laws (Amendment) (No. 2) Act, 1976, and shall be read and construed as one with the Code of Police Laws, hereinafter referred to as "the principal law".

Addition of new section 186A to the principal law.

2. Immediately after section 186 of the principal law there shall be added the following new section:

"Prohibition of tobacco smoking in theatres and cinemas.

186A. (1) No person may smoke any tobacco in any public theatre or public cinematograph hall while such place is open to the public.

(2) It shall be the duty of the licensee of any public theatre or of any public cinematograph hall to see that no person inside the said theatre or hall smokes tobacco while these are open to the public.".

Amendment of section 314 of the principal law.

3. Immediately after subsection (1C) of section 314 of the principal law there shall be added the following new subsection:

"(1D) Any person who is found guilty of a contravention against the provisions of section 186A of this Code shall be liable —

(a) on a first conviction, to a fine (*multa*) of not less than two pounds, and

(b) on a second or subsequent conviction, to a fine (*multa*) of not less than five pounds.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 14 of the 29th December, 1976.

A. Lainiata.
*Speaker*

C. Schembri
*Clerk to the House of Representatives*